31999R0999

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 999/1999

tal-11 ta' Mejju 1999

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 293/98 rigward l-fatt operattiv li japplika għall-ispejjeż tat-trasport għall-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel mqassma b'xejn wara li jiġu rtirati mis-suq

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi l-arranġamenti agrimonetarji għall-Euro [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tiegħu,

(1) Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 293/98 [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 519/1999 [3], jistabbilixxi l-avvenimenti operattivi li japplikaw fis-settur tal-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel u fis-settur tal-prodotti pproċessati mill-frott u mill-ħxejjex ta' l-ikel;

(2) Billi l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 659/97 tas-16 ta' April 1997 u l-Anness V ma' dan ir-Regolament li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 rigward l-arranġamenti ta' l-intervent fis-settur tal-frott u tal-ħxejjex ta' l-ikel [4], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 729/1999 [5], jistabilixxu l-għajnuna għall-ispiża tat-trasport tal-prodotti mqassma b'xejn wara li jkunu ġew irtirati mis-suq; billi l-esperjenza turi illi dan it-trasport jiġi spiss imwettaq fl-Istati Membri rilevanti li ma adottawx l-Euro, mill-organizzazzjonijiet produtturi illi rtiraw il-prodotti fil-kwistjoni; billi t-trasport u l-irtirar assoċjat huma spiss ħafna simultanji jew jiġru l-aktar fi spazju ta' ftit jiem minn xulxin; billi, għalhekk, bil-ħsieb tas-simplifikazzjoni ta' l-amministrazzjoni, għandha tiġi applikata rata waħda tal-kambju għal dawn iż-żewġ ħidmiet skond l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 2799/98 u permezz ta' deroga mill-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2808/98 tat-22 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex tiġi applikata s-sistema agrimonetarja għall-Euro fil-biedja [6];

(3) Billi l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Frott u l-Ħxejjex ta' l-Ikel Friski,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 293/98 jiġi mibdul b'li ġej:

"2. Ir-rata tal-kambju li tapplika għall-ammonti ta' rata uniformi msemmija fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/97 u ffissata fil-punt 1 ta' l-Anness V ma' dan ir-Regolament għandha tkun ir-rata agrikola tal-kambju kif stabbilita skond il-paragafu 1 ta' dan l-Artikolu."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 1999.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-11 ta' Mejju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 1.
[2] ĠU L 30, ta' l-4.2.1998, p. 16.
[3] ĠU L 61, ta' l-10.3.1999, p. 27.
[4] ĠU L 100, tas-17.4.1997, p. 22.
[5] ĠU L 93, tat-8.4.1999, p. 11.
[6] ĠU L 349, ta' l-24.12.1998, p. 36.